

Il-Ġurnal Ufficijali C 309 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 65

Informazzjoni u Avviżi

16 ta' Awwissu 2022

Werrej

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 309/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10652 — MOL / LOTOS PALIWA) (i)	1
---------------	---	---

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 309/02	Rata tal-kambju tal-euro — It-12 ta' Awwissu 2022	2
2022/C 309/03	Rata tal-kambju tal-euro — Il-15 ta' Awwissu 2022	3

Il-Qorti tal-Awdituri

2022/C 309/04	Opinjoni 03/2022 (skont l-Artikolu 322(2), TFUE) dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi propriji bbażati fuq l-Iskema għall-Iskembju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, fuq il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Frontieri u fuq il-profitti riallokati u dwar il-miżuri biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-flus kontanti (2022/0071(NLE))	4
---------------	---	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2022/C 309/05	Tħabbira skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu rigward il-likwidazzjoni u l-istralċ sussegwenti ta' Cyprus Popular Bank Public CO LTD (istituzzjoni ta' kreditu Ċiprijotta fl-likwidazzjoni) (il-Kumpanija) (i)	5
---------------	--	---

(i) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 309/06	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M-10865 – ASTORG / IPCOM) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat ħal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	6
---------------	--	---

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 309/07	Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012	8
---------------	---	---

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)***KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.10652 — MOL / LOTOS PALIWA)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*

(2022/C 309/01)

Fit 15.7.2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jiaprovdha diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħiġ in-numru 32022M10652. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liggi tal-Unjoni Ewropea.

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro⁽¹⁾

It-12 ta' Awwissu 2022

(2022/C 309/02)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,0285	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3148
JPY	Yen Ġappuniż	137,47	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,0600
DKK	Krona Daniża	7,4395	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5985
GBP	Lira Sterlina	0,84715	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4106
SEK	Krona Żvediża	10,4515	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 342,59
CHF	Frank Żvizzera	0,9689	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,7318
ISK	Krona Iżlandiża	140,30	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	6,9352
NOK	Krona Norveġiża	9,8130	HRK	Kuna Kroata	7,5138
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 104,20
CZK	Krona Ċeka	24,380	MYR	Ringgit Malażjan	4,5709
HUF	Forint Ungeriż	392,30	PHP	Peso Filippin	57,246
PLN	Zloty Pollakk	4,6773	RUB	Rouble Russu	
RON	Leu Rumen	4,8915	THB	Baht Tajlandiż	36,393
TRY	Lira Turka	18,4733	BRL	Real Brażiljan	5,3007
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4496	MXN	Peso Messikan	20,4925
			INR	Rupi Indjan	81,9935

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Rata tal-kambju tal-euro (¹)**Il-15 ta' Awwissu 2022**

(2022/C 309/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju	
USD	Dollaru Amerikan	1,0195	CAD Dollaru Kanadiż	1,3167
JPY	Yen Ġappuniż	135,61	HKD Dollaru ta' Hong Kong	7,9899
DKK	Krona Daniża	7,4373	NZD Dollaru tan-New Zealand	1,6002
GBP	Lira Sterlina	0,84375	SGD Dollaru tas-Singapor	1,4036
SEK	Krona Żvediża	10,4980	KRW Won tal-Korea t'Isfel	1 336,35
CHF	Frank Żvizzeru	0,9631	ZAR Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,7375
ISK	Krona Iżlandiża	140,30	CNY Yuan ren-min-bi Ċiniż	6,9050
NOK	Krona Norveġiża	9,8710	HRK Kuna Kroata	7,5028
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR Rupiah Indoneżjan	15 042,36
CZK	Krona Ċeka	24,460	MYR Ringgit Malażjan	4,5465
HUF	Forint Ungeriż	398,60	PHP Peso Filippin	57,122
PLN	Zloty Pollakk	4,6858	RUB Rouble Russu	
RON	Leu Rumen	4,8849	THB Baht Tajlandiż	36,218
TRY	Lira Turka	18,3143	BRL Real Brażiljan	5,2268
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4508	MXN Peso Messikan	20,3914
			INR Rupi Indjan	81,0610

^(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Opinjoni 03/2022

(skont l-Artikolu 322(2), TFUE)

dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi propri bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, fuq il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Frontieri u fuq il-profitti riallokati u dwar il-miżuri biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-flus kontanti (2022/0071(NLE))

(2022/C 309/04)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat l-opinjoni 3/2022 tagħha (skont l-Artikolu 322(2), TFUE) dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi propri bbażati fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, fuq il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Frontieri u fuq il-profitti riallokati u dwar il-miżuri biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-flus kontanti (2022/0071(NLE))

L-Opinjoni tista' tiġi kkonsultata direttament jew imniżżla mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=61904>

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Tħabbira skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu rigward il-likwidazzjoni u l-istralċ sussegwenti ta' Cyprus Popular Bank Public CO LTD (istituzzjoni ta' kreditu Ċiprijotta flikwidazzjoni) (il-“Kumpanija”)

(2022/C 309/05)

Tħabbira dwar il-prova tad-dejn mill-kredituri tal-Kumpanija

Uffiċċju Reġistrat: Lemesos Avenue, 134, 3rd Floor, 2015, Strovolos, Nicosia, Cyprus

Skont id-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Nikosija maħruġa fil-31 ta' Mejju 2022 b'rabta mal-applikazzjoni Nru 1/2021 ippreżentata mill-Bank Ċentrali ta' Ċipru skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33B tal-Liġi dwar in-Negożju tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, 66(l)/97, kif emendata sal-lum, il-Qorti ħarġet ordnijiet għal-likwidazzjoni tal-Kumpanija u l-ħatra tiegħi bħala Likwidatur.

Skont l-Ordni tal-Qorti Distrettwali ta' Nikosija datata s-17 ta' Ġunju 2022, ingħatat estensjoni tal-perjodu li fih il-kredituri jistgħu jippruvaw id-djun jew il-pretensjonijiet tagħhom sa u inkluż is-16 ta' Ottubru 2022, kif ukoll estensjoni tal-perjodu għall-eżami tal-prova tad-dejn ta' kull kreditur mil-Likwidatur, għal 150 jum mid-data tal-preżentazzjoni ta' kull prova ta' dejn.

Barra minn hekk, skont l-Ordni tal-Qorti Distrettwali ta' Nikosija datata l-1 ta' Lulju 2022, il-proċess tal-prova tad-dejn għandu jsir b'mod elettroniku. Il-kredituri kollha li għandhom pretensjoni kontra l-Kumpanija u li jixtiequ jissottomettu l-pretensjoni tagħhom b'mod elettroniku, huma mitluba jżuru s-sit web li ġej <https://registration.appadvisory.eu/register> u jsegwu l-istruzzjonijiet għas-sottomissjoni tad-dettalji tagħhom sabiex jirċievu dettalji uniċi tal-login għall-Portal tal-Kredituri tal-likwidazzjoni.

L-avviżi rilevanti kollha għal-likwidazzjoni se jiġu ppubblikati fuq is-sit web li ġej
<https://www.ips-docs.com/case/22WUC009CYP/Gn8@pXmv>

Augoustinos PAPATHOMAS

Likwidatur

*Il-likwidatur jaġixxi bħala rappreżentant tal-Kumpanija,
mingħajr ebda responsabbiltà personali*

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M-10865 – ASTORG / IPCOM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 309/06)

1. Fil-4 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżzi li ġejjin:

- Astorg VIII SCSpl (“Astorg Fund VIII” jew “Acquirer”, il-Lussemburgu), li hija ġestita minn Astorg Asset Management S.à. r.l. (“AAM”, il-Lussemburgu), li min-naħħa tagħha hija kkontrollata minn Astorg Group S.á.r.l. (“Astorg Group”, il-Lussemburgu) (Astorg Group flimkien ma’ Astorg Fund VIII u fond oħra ġestiti minn AAM, “Astorg”);
- Isolstar Holding (“IPCOM”, il-Belġju).

Astorg se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta’ IPCOM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżzi kkonċernati huma:

- Astorg Fund VIII hija parti minn Astorg, li hija ditta ta’ ekkwità privata Ewropea indipendenti. Għandha wkoll uffiċċji f'Londra, Pariġi, Milan, Frankfurt u New York. Il-fondi li jappartjenu għall-Astorg Group investew ffirxa wiesgħa ta’ industrijji,
- IPCOM hija attur industrijali Ewropew, bil-kwartieri ġenerali fil-Belġju, speċjalizzata f’soluzzjonijiet ta’ iż-żolament, li sservi firxa wiesgħa ta’ industrijji pereż. il-kostruzzjoni, il-bini tal-bastimenti, l-industrija tal-ipproċessar, l-enerġija, il-petrokimiċka, il-karozzi, l-apparat domestiku, eċċ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tīgħi speċifikata:

M.10865 – ASTORG / IPCOM

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

(2022/C 309/07)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 (¹).

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' din l-emenda minuri tista' tiġi kkonsultata fil-bażi tad-data eAmbrosia tal-Kummissjoni.

DOKUMENT UNIKU

“PLÁTANO DE CANARIAS”

Nru tal-UE: PGI-ES-0867-AM01 – 10.1.2022

DOP () IĠP (X)

1. **Isem**

“Plátano de Canarias”

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Spanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. **Tip ta' prodott**

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. **Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt (1)**

L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) “Plátano de Canarias” tkopri l-banana tal-varjetà Cavendish, tal-ispeċi Musa acuminata Colla (AAA), imkabba fil-Gżejjer Kanarji, u maħsuba għall-konsum fl-istat frisk, wara li tkun għiet ippreparata u ppakkjata.

Lewn il-qoxra tal-banana jvarja minn aħdar fil-waqt tal-qtugħ mis-siġar għal isfar jgħajjat fil-waqt tal-konsum. It-tonalitajiet tal-polpa jvarjaw minn abjad avorju għal lewn il-krema, u minn lewn il-krema għal isfar.

Madankollu, hija l-preżenza ta' tikek fuq il-qoxra tal-“Plátano de Canarias” li spiċċat il-marka tal-identità tagħha, sal-punt li l-konsumaturi jagħrfu l-prodott permezz ta' dawn it-tikek.

Il-“Plátano de Canarias” fiha ħafna attivitā tal-enzimi polifenoloidasa u perossidasa, katalizzaturi ta' reazzjonijiet ta' ossidazzjoni li jagħtu qoxra iktar kannella. Din il-karatteristika tintwera fil-proċess ta' maturazzjoni, bil-ħruġ ta' tikek kannella fuq il-qoxra, jew b'iktar vulnerabbiltà għat-dbabar. Dawn it-tikek kannella fuq il-qoxra huma s-simbolu tal-“Plátano de Canarias”, banana li hija “magħrufa għat-tikek tagħha”.

Il-“Plátano de Canarias” għandha forma oblonga, b'kurvature evidenti, li tibda tidjieq lejn iz-zokk.

Il-kejl tal-banana, li huwa obbligatorju, isir fuq it-tul u fuq il-ħxuna tal-frotta, bil-valuri minimi ta' 14 cm u 27 mm, rispettivament.

(¹) ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.

L-iktar karakteristiċi kimiċi importanti tal-“Plátano de Canarias” huma dawn li ġejjin:

- Lamtu ta' inqas minn 8.
- Zokkor totali oħħla minn 10.

Kemm il-kontenut tal-lamtu u kemm iz-zokkor totali huma espressi fi grammi għal kull 100 gramma ta' polpa matura.

Dan il-kontenut baxx ta' lamtu, u l-kontenut għoli ta' zokkor totali, huma karakteristiċi distinti tal-prodott kopert mill-IĠP.

Fil-qosor, il-karatteristiċi ewlenin li jiddistingu l-“Plátano de Canarias” huma:

- Togħma ġelwa intensa, b'riżultat tal-kontenut għoli ta' zokkor u l-kontenut baxx ta' lamtu
- Aroma intensa ta' banana (“impacto plátano”) b'konsegwenza tar-rikkezza ta' aċċetat isoamil u butanoate eżail:

L-aċċetat 3-metilbutil, jew aċċetat isoamil, li jagħti l-aroma intensa ta' banana (“impacto plátano”). Skont l-istudji disponibbli, il-konċentrazzjoni ta' dan il-kompost fil-“Plátano de Canarias” hija bla dubju oħħla minn dik ta' banana minn oriġni oħrajn. Barra minn hekk, il-“Plátano de Canarias” fiha komposti li huma marbutin huma wkoll mal-aroma karakteristika ta' banana, bħal mhu l-każ tal-butanoate eżail. Dan il-kompost, mill-banda l-oħra, bilkemm hu apprezzabbi fil-banana ta' oriġni oħrajn.

- Tikek skuri karatteristiċi fuq il-qoxra tal-banana, minħabba l-ħafna attivită tal-enzimi polifenolossidasa u peroxidasa, katalizzaturi ta' reazzjonijiet ta' ossidazzjoni li jaġħu qoxra iktar kannella.

3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fīż-żona ġeografika ddefinita

Il-“Plátano de Canarias” irid jitkabar fīż-żona ġeografika definita għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

Madankollu, il-proċess ta' maturazzjoni u ppakkjar tal-banana koperta mill-IĠP “Plátano de Canarias” jista' jsir barra miż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. Regoli speċifiċi dwar it-tqattiġi, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ. tal-prodott li għalih jirreferi l-isem irreġistrat

—

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih jirreferi l-isem irreġistrat

Fuq l-ippakkjar għandhom jidhru b'mod obbligatorju u biċ-ċar l-isem u l-logo proprju tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta “Plátano de Canarias”, flimkien mal-logo tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-informazzjoni ġenerali ddeterminata mil-leġiżlazzjoni fis-sejjh.

Il-logo proprju tal-IĠP “Plátano de Canarias” huwa dan li ġej, bil-karatteristiċi deskritti hawn taħt:



- Pantone 295 (blu), għall-isfond ovali.
- Pantone 347 (aħdar) għax-xifer tal-banana u għall-isfond tal-weraq tas-siġra.
- Pantone 109 (isfar) għall-banana.

4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni tal-banana koperta mill-IĠP "Plátano de Canarias" hija l-Arċipelagu tal-Gżejjjer Kanarji, u hija magħmula mit-territorju kollu ta' użu agrikolu li jinsab 1 isfel mill-500 metru fuq il-livell tal-baħar.

5. Rabta maż-żona ġeografika

a) Specifikkità taż-żona ġeografika:

L-arċipelagu tal-Kanarji jinsab faċċata tax-xatt tal-Majjistral tal-Afrika, bejn il-koordinati $27^{\circ} 37'$ u $29^{\circ} 25'$ Tramuntana. Din is-sitwazzjoni ġeografika, flimkien mal-irjieħ Alijeż u l-kurrent kiesaħ tal-Kanarji, iwasslu għal klima kklassifikata bħala subtropikali umda, b'temperaturi moderati u xita skarsa.

It-temperaturi fil-Gżejjjer Kanarji għandhom medji pjuttost uniformi tul is-sena. Fl-ix-tut, il-medja tinsab qrib l-20 °C, iżda t-temperaturi jinżlu b'mod evidenti bl-altitudni, u tiż-died il-varjazzjoni fit-temperaturi matul il-ġurnata.

It-temperaturi moderati u l-irjieħ umdi li jaslu fuq il-gżejjjer jinfluwenzaw it-tkabbir kajman tal-pjanta u ż-żmien itwal meħtieġ għall-maturazzjoni tal-frotta, u dan kollu jiġi rifless fil-karatteristiċi distinti tal-"Plátano de Canarias".

b) Specifikkità tal-prodott:

Il-banana tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Plátano de Canarias" għandha forma tawwalija, b'kurvatura evidenti, tul minimu ta' 14 cm, ħxuna minima ta' 27 mm, u toghhma ħelwa intensa b'tikek kannella fuq il-qoxra.

Il-preżenza ta' dawn it-tikek hija l-marka li tidentifika din il-banana minn varjetajiet oħra, u l-karatteristika ewlenja li minnha l-konsumaturi jagħrfu l-"Plátano de Canarias".

Teknikament, dawn it-tikek fuq il-qoxra huma kkaġunati mill-attività ta' ċerti enzimi speċifiċi, l-iktar fosthom il-polifenolossidasa u l-perossidada.

L-istudju li jakkumpanja l-applikazzjoni għall-IĠP "Plátano de Canarias" jiġbor id-data korrispondenti għal dawn il-parametri tal-banana u jqabbilhom mad-data minn varjetajiet ta' banana minn origiġi oħrajn, u mit-tqabbil jirriżulta li l-valur tal-attività perossidasa u polifenolossidasa fil-"Plátano de Canarias" huwa ħafna oħġla minn ta' varjetajiet ta' banana minn origiġi oħrajn; huwa għalhekk li l-banana "Plátano de Canarias" għandha ħafna iż-żejjed tikek minn varjetajiet oħra ta' banana, u b'hekk saru marka ta' identità.

Fl-istess studju li jakkumpanja l-applikazzjoni għall-IĠP "Plátano de Canarias", ġiet eżaminata l-ispecifikkità tal-prodott mill-aspetti alimentari, u wara l-analiżi globali tan-nutrijenti studjati fil-"Plátano de Canarias" u f'varjetajiet ta' banana ta' origiġi oħrajn, jidheru differenzi importanti: Il-"Plátano de Canarias" fiha inqas lamtu u zokkor aktar solubbi, li jżid il-ħlewwa tagħha. Għandha wkoll aktar potassju u fosfru u inqas sodju u kalċju minn banana mkabba xi mkien ieħor. Dawn id-differenzi importanti jikkonfermaw il-fatt li l-"Plátano de Canarias" hija prodott differenti minn varjetajiet oħra ta' banana mkabba frēgjuni oħra tad-dinja. (Forster et al. 2002).

c) Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità, ir-reputazzjoni u l-fama tal-isem tal-"Plátano de Canarias":

L-applikazzjoni għar-rikonoximent tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Plátano de Canarias" tissejjes fuq il-kwalità u fuq ir-reputazzjoni ta' isem din il-banana. Madankollu, it-tkabbir karatteristiku tal-"Plátano de Canarias" huwa r-riżultat tat-tlaqqiġi ta' fatturi storiċi, naturali u umani.

L-arċipelagu tal-Kanarji jinsab faċċata tax-xatt tal-Majjistral tal-Afrika, bejn il-koordinati $27^{\circ} 37'$ u $29^{\circ} 25'$ Tramuntana. Din is-sitwazzjoni ġeografika tfisser karatteristiċi klimatiċi li huma kklassifikati bħala klima subtropikali umda, b'temperaturi moderati u xita skarsa.

Is-sitwazzjoni tal-Gżejjjer Kanarji fl-Oċeān Atlantiku, fil-qalba tal-istrixxa subtropikali u fil-Lvant tal-kontinent Afrikan, tagħiġi komplexi klimatiċi speċifiċi. Il-klima taż-żona fejn jinsab l-Arċipelagu hija konsegwenza tal-interazzjoni ta' dawn iż-żewġ gruppi ta' fatturi, li jaġixxu fuq livell differenti. Minn banda, id-dinamika atmosferika subtropikali, u mill-banda l-oħra, il-fatt li l-parti l-kbira tal-gżejjjer għandhom riljev akut, u li huma maħsula minn kurrent oċeaniku kiesaħ, qrib massa ta' art kontinentali.

Il-Kanarji jinsabu kemm fil-limitu ġeografiku għat-tkabbir ta' din il-banana, kif ukoll fil-limitu klimatiku, billi din il-pjanta teħtieġ temperatura šħuna ta' madwar 25-27 °C, tibda tbat jekk tinżel sas-16 °C, u 'l ifsel mill-14 °C il-pjanta ma tibqax tikber.

L-iżvilupp taċ-ċiklu tas-siġra tal-banana huwa ddefinit mill-akkumulu ta' gradi tul il-ġurnata, 'l fuq mill-14 °C, u huwa għalhekk li t-temperaturi moderati tal-Kanarji u l-irjieg umdi li jaolu fuq il-gżejjer iwasslu għal tkabbir kajman tal-pjanta meta mqabbel mat-tkabbir tal-banana f'żoni tropikal.

Din iż-żieda fiż-żmien tat-tkabbir, u għaldaqstant ukoll fiż-żmien tal-maturazzjoni tal-frotta (sa 3 xhur iktar fuq il-pjanta), tiddefinixxi l-karatteristiċi distinti tal-“Plátano de Canarias”, jiġifieri l-kontenut baxx ta' lamtu u l-kontenut għoli ta' zokkor, l-iktar importanti fosthom is-sukrożju.

Dawn il-kundizzjoniet jiddeterminaw ukoll l-attività tal-enzimi, li juru attività katalizzatriċi marbuta mal-lewn kannella li joħroġ fuq il-qoxra tal-banana. Il-ħruġ ta' tikek kannella fuq il-qoxra huma s-simbolu tal-“Plátano de Canarias”, banana li hija “magħrufa għat-tikek tagħha”.

Il-karatteristiċi tal-banana huma influwenzati ħafna mill-fatturi ambjentali, bħad-dawl, it-temperatura, l-ilma, il-ħamrija, l-umdità relativa, ir-riħ, eċċ. Dawn il-fatturi varjabbl kollha jolqu l-iżvilupp fiżjoloġiku tal-pjanta, u jagħtuha l-karatteristiċi spċifici li digħi ssemmew aktar 'il fuq.

Minħabba d-distanza ġeografika relativament qasira tal-Ġeżejjer Kanarji mis-suq kontinentali, it-trasport idu fit-tit meta mqabbel ma' dak ta' banana minn oriġni oħrajn; dan jippermetti li l-banana tintqata' jew tinħasad fi stat ta' maturazzjoni iktar avvanzata, u b'hekk jinħolqu karatteristiċi organolettiċi aħjar, u l-prodott jasal għand il-konsumatur bi kwalità oħħla.

Ir-reputazzjoni tajba tal-“Plátano de Canarias” hija appoġġata minn diversi referenzi storiċi fl-istampa, fil-letteratura eċċ. Mill-istampa, nistgħu nieħdu l-eżempji li ġejjin:

Il-gazzetta La Vanguardia tal-Erbgħa 25 ta' Mejju 1921, paġna 11

“... jitlob lill-gvern biex jintervjeni billi jinfluwenza lill-awtoritajiet Ġermaniżi, sabiex jawtorizzaw l-importazzjoni f'dak il-pajjiż tal-Plátano de Canarias, li ġiet ipproġbita xhur ilu ...”.

Il-gazzetta La Vanguardia tat-Tlieta 24 ta' Ġunju 1930, p. 32

“Is-sur Matos, li jifhem l-importanza tal-produzzjoni tal-Plátano de Canarias, wiegħed li jimmobilizza r-riżorsi kollha tal-Ministeru tiegħu sabiex jikkontribwixxu lejn din l-ambizzjoni ġusta”.

Il-gazzetta La Vanguardia tas-Sibt 21 ta' Novembru 1970, p. 8

“Se jerġgħu jibdew il-kampanji ta' promozzjoni tal-Plátano de Canarias”.

Eżempju ieħor tar-reputazzjoni tajba tal-isem “Plátano de Canarias” joħroġ mill-konklużjonijiet imnissla mill-“Estudio del Mercado del Plátano en España y Portugal”, [studju dwar is-suq tal-banana fi Spanja u l-Portugal] imwettaq mill-Ministeru għall-Agrikultura, is-Sajd u l-Alimentazzjoni fis-sena 2002, li jasal għall-konklużjoni li jista' jiġi affermat bis-sħiħ li l-banana tohgħob lil magħgoranza assoluta tal-konsumaturi, irrispettivament mis-sess, mill-etta, mill-klassi soċċali jew mill-post ta' residenza tagħhom, u li l-konsumaturi mill-ewwel jassoċjaw il-banana mal-Ġeżejjer Kanarji.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

<https://www.gobiernodecanarias.org/cmsgobcan/export/sites/agp/icca/galerias/doc/calidad/PLIEGO-DE-CONDICIONES-MODIFICADO-1.pdf>

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT